MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 643/2000/1

**Mario Buttigieg**

**vs**

**Annette Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-1 ta' Gunju 1991, l-attur izzewweg lill-konvenuta, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness (Dok. "A");

Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;
Illi dan iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimonjali, u dwar id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha u minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-

konvenuta li twettaq id-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u/jew ta’ wahda jew aktar mill-elementi esenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat peress illi il-konvenuta ghalkemm mhux interdetta jew marida b’mohhha, ma kellhiex fil-mument taz-zwieg, anki minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali u ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara z-zwieg li sehh bejn il-partijiet fl-1 ta’ Gunju 1991 bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti li ghamel l-attur (a fol. 4) liema lista tax-xhieda hija skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 8 ta’ Novembru 2000;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta (a fol. 10) fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti;

2. Illi m’huwiex minnu li z-zwieg bejn il-kontendenti kien vizzjat minhabba r-ragunijiet imsemmija mill-attur izda huwa null u bla effett minhabba r-ragunijiet imsemmija fit-talba rikonvenzjonali;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat it-**talba rikonvenzjonali** tal-konvenuta tal-21 ta’ Frar 2001 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg fl-ewwel (1) jum ta’ Gunju, tas-sena elf, disgha mija u wiehed u disghin (1991);
Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi dan iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar il-hajja matrimonjali, u dwar id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha u minhabba anomalija ghall-attur li jwettaq id-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens ta’ l-attur ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u/jew ta’ wahda jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Illi l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat peress li l-attur ghalkemm mhux interdett jew marid b’mohhu, ma kellux fil-mument taz-zwieg, anke minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali u ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi ghalhekk il-konvenuta talbet lill l-attur jghid, ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet suesposti:-

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Gunju 1991 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti

kollha tal-ligi *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta tal-21 ta' Frar 2001, a fol. 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta ta' datat 21 ta' Frar 2001;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur tat-28 ta' Frar 2001, (a fol. 19) tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi ta' dak li nghad fl-istess talba rikonvenzjonali izda r-raguni jew ragunijiet ghal dan ghandhom ikunu mputabbli lill-konvenuta,

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur tat-28 ta' Frar 2001;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Gunju 2001 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali u tat-22 ta' Novembru 2001;

Rat il-verbali tas-seduti ta' din il-Qorti kif presjeduta datati 22 ta' Ottubru 2002; ta' l-10 ta' Dicembru 2002 fejn il-Perit Legali nfurmat lill-Qorti li rredigiet ir-rapport u rritornat il-process; tas-6 ta' Frar 2003 fejn inhalef ir-rapport mill-Perit Legali; u tat-13 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur xehed permezz ta’ affidavit tieghu mmarkat u esebit bhala Dok. “MB”. Huwa xehed ukoll *viva voce*, u qal testwalment hekk:- “*Jiena nixtieq inzid max-xhieda li diga` tajt permezz ta’ l-affidavit tieghi, f’dan is-sens: Nirreferi ghall-affidavit tal-konvenuta w partikolarment ghall-ahhar paragrafu ta’ l-ewwel faccata w nghid illi diskussjonijiet bejnietna kienu inezistenti kemm qabel u wara z-zwieg, u allura dan imur kontra dak li ntqal fl-affidavit taghha li semmejt. Ahna litteralment ma konniex nitkellmu tant konna immaturi. Ghat-tnejn li ahna din kienet l-ewwel relazzjoni taghna w gieli ghamilna sighat shah minghajr ma nghidu kelma.*

*Illi fl-istess paragrafu, u cjoe` l-ahhar linja, jiena nichad il-fatt li kelli relazzjoni ma` mara ohra. Jiena qatt ma kelli relazzjoni ma` mara ohra la qabel u lanqas wara z-zwieg.*

*Illi nirreferi ghall-ewwel paragrafu tal-pagna tlieta ta’ l-istess affidavit u nghid illi jiena kont nidhol fil-5.00.a.m meta kont inkun xoghol biss. Ovvjament meta wasalna fl-ahhar taz-zwieg taghna, t-tnejn li ahna konna ndumu barra sa kmieni filghodu. Nichad kategorikament ukoll li kien ikolli xi `love bites’ fuqi.*

*Illi nirreferi ghall-ahhar paragrafu ta’ pagna 3 ta’ l-istess affidavit u nghid illi kellna `joint account’ u kont niddepozita l-paga f’dan l-account u t-tnejn li ahna stajna nigbdu li riedna minnu meta konna rridu. Fuq dan l-arrangament qatt ma naf illi l-mara ghamlet xi oggezzjoni, w din hija l-ewwel darba li smajtha tilmenta fuq din il-kwistjoni. Il-mara kienet tuza `c-cheque book’ meta xtaqet.*

Meta xehed in kontroezami, l-attur qal testwalment hekk:- "*Nirreferi ghall-fatt illi jiena w l-mara waqt li konna gharajjes konna naghmlu sighat shah ma nitkellmux, u*

*nghid illi per ezempju konna mmorru mixja fuq il-'front' ta' tas-Sliema u nimxu sal-Gzira pero` ma nghidux kelma*."

Illi l-attur ipproduca wkoll bhala xhieda tieghu lil ommu Dolores Buttigieg, lil missieru Anthony Buttigieg, lill huh Simon Buttigieg u huh John Buttigieg, u lil Mariella Blackman, li lkoll xehedu permezz ta' affidavits taghhom.

Il-konvenuta minn naha taghha xehdet permezz ta' affidavit taghha markat u esibit bhala Dok. "AM". Hija xehdet ukoll *viva voce*, u qalet testwalment hekk:- "*Jiena w r-ragel kemm waqt li konna gharajjes, kif ukoll wara z-zwieg, allavolja konna ta' ftit kliem xorta konna nitkellmu ftit. Anzi nghid illi meta jiena kont nipprova naghmel xi tip ta' konverzazzjoni r-ragel kien jaqtghali fil-qasir u xott xott jghidli iva jew le.*

*Illi jiena nsostni illi l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra u dawn kienu jafu biha ommu w missieru stess, kif ukoll Fr. Mark, u Mariella Blackman.*

*Illi rigward il-paga tar-ragel, hu kien itini ghal-hajja biss. Parti minnha kien qeghda fil-joint account. Biex nixtri xi haga kelli noqghod insaqsi lilu jekk stajtx jew le.*

Meta xehdet in kontroezami, l-konvenuta allegat testwalment hekk:- "*Kien hemm 'cheque book' tal-'joint account', u jien stajt nuzah. Jiena qatt ma qbadt ir-ragel tieghi jaghmel att sesswali ma' xi mara ohra. Pero` ghandi nghid illi bil-'love bites' gie d-dar."*

Il-konvenuta pproduciet ukoll bhala xhieda taghha lil ommha Antoinette Micallef, lill-missierha Edward Micallef, lil huha Mark Micallef, lil ohtha Mariella Calleja, r-ragel ta' ohtha Simon Calleja, u liz-zija taghha Carmelina Buhagiar, li lkoll xehedu permezz ta' affidavits taghhom.

## ii) Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnu, l-attur qed jitlob li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat

null u bla effett, *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d), 19 (1) (f) u 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi fit-talbiet rikonvenzjonali taghha, l-konvenuta wkoll qed titlob li z-zwieg celebrat bejniethom jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta' l-istess artikoli tal-ligi.

Illi l-**artikoli 19 (1) (d), 19 (1) (f), u 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

*19 (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fi zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew tar-rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno*, fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li

jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe li tnejn min-nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u ta' kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…..richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.'* (**Forum 1990. Vol. I,** part 1, pg. 72).

Il-kuncett tad-'*discretio judicii'* ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex

mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta' difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan m'huwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A.) deciza fl-4 ta' Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva……La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. …..Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.*" (**Il-Diritto Canonico Matrimoniale** – ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cioe, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif jirrizulta mill-gurisprudenza konstanti anke dik ta' din il-Qorti kif presjeduta, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tad-difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u d-dmirijiet essenzjali taghha, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura.

Illi mill-affidavits pjuttost dettaljati tal-partijiet jidher li meta bdew johorgu flimkien l-ebda wiehed jew wahda minnhom ma kellha esperjenza ta' relazzjoni ohra. Il-partijiet fil-fatt ghamlu gherusija twila xi seba' (7) jew tmien (8) snin qabel ma zzewwgu.

Illi l-attur minn naha tieghu jispjega illi kien gej minn familja unita hafna w alavolja kellu tfulitu dixxiplinata, din kienet wahda tajba hafna fejn hu kellu hafna rispett ghall-genituri tieghu. Il-genituri tieghu kienu jmorru tajjeb hafna flimkien u dejjem kien jiftakar li kellhom relazzjoni ta' mhabba kbira ghal xulxin.

Illi huwa jkompli jiddeskrivi lilu nnifsu bhala bniedem misthi u rizervat hafna meta kien ghadu zaghzugh. Meta beda` johrog mal-konvenuta huwa jispjega li din kienet tfajla kwieta hafna wkoll u ta' ftit kliem. Il-konvenuta kienet tidher tifla bil-ghaqal u ta' l-affari taghha, w ghalhekk l-attur bejn minhabba f'hekk kif ukoll minhabba li ma tantx kien it-tip li joqoghod ibiddel it-tfajliet tieghu, kien kompla b'din ir-relazzjoni.

Illi gara izda li maz-zmien l-attur beda` jinduna li l-partijiet kienu jqattghu ftit li xejn hin jitkellmu jew jiddiskutu l-affarijiet bejniethom. Fil-fatt l-attur beda` jinduna li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni serja bejniethom.

Madankollu, l-konvenuta kienet tinbidel malli tkun fil-prezenza tal-familjari taghha.

Illi l-attur mbaghad bdew jidhlulu d-dubji dwar ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta meta beda` jinduna li l-konvenuta kienet tkun bierda hafna mieghu. L-intimita’ taghhom tul is-snin kollha ta’ l-eghrusija kienet tikkonsisti fi ftit bews ‘l hemm u ‘l hawn, izda xejn izjed. Skond l-attur, fil-fatt, il-konvenuta bil-kemm kienet thalli l-attur imissha, u dan kien igieghlu jahseb ftit, tenut kont tal-fatt li l-partijiet kienu ghamlu hafna snin flimkien.

Illi madankollu, pero`, minhabba li l-attur ma kellu ebda esperjenza ta’ relazzjonijiet jew nisa ohra, xorta baqa’ jaccetta din is-sitwazzjoni, w meta darba staqsa lill-missieru jekk kienitx xi haga normali li l-konvenuta kienet hekk bierda mieghu, huwa qaghad fuq il-kelma ta’ missieru li l-konvenuta kienet ser tinbidel gjaladarba kienet tidra l-attur ftit izjed u ladarba jizzewwgu. L-attur jispjega li huwa accetta s-sitwazzjoni minghajr mistoqsijiet ohra, minhabba li ma setax jaghmel paragun ma’ sitwazzjoni jew cirkostanzi ohra *stante* li ma kellux esperjenza ta’ dawn.

Illi skond l-attur kien hemm biss zewg tipi ta’ nisa u cjoe’ dawk li wiehed jiehu pjacir maghhom, u dawk li wiehed jizzewweg, u ghalih ghalhekk il-konvenuta kienet wahda minn dawk ta’ l-ahhar.
Illi l-hajja socjali tal-partijiet waqt li kienu gharajjes giet deskritta mill-attur bhala wahda fqira, fis-sens illi kull ma kienu jaghmlu jekk johorgu kien li jmorru passiggata w tul il-passiggata kollha ma kienux jghidu kelma.

Illi meta kien jiddubita jekk kienx qed jaghmel sew li jibqa’ f’din ir-relazzjoni, l-attur kien jibqa lura minn dawn il-hsibijiet ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett kien bniedem ta’ *self discipline*, u ghalhekk ma kienx mohhu mar-rih. Dan kien fattur naxxenti mit-trobbija tieghu. Mbaghad ragunijiet li waqfuh milli jaqta` mir-relazzjoni mal-konvenuta kienu illi kien nieqes sew minn hajja socjali w kien jibza` li jekk jinterrompi r-relazzjoni kien verament jispicca wahdu. Apparti dan kien hemm ragunijiet ohra,

per ezempju l-fatt li l-familja tal-konvenuta w dik tieghu kienu jafu lil xulxin, u anki minhabba li l-familja ta‘ l-attur qatt ma kienu esperjenzaw separazzjoni. Apparti dan, il-partijiet kienu xtraw post u kienu dahlu ghal pizijiet finanzjarji w l-attur kien jaraha bi kbira li jbiegh id-dar u jirrisolvi l-bicca tax-xoghol b’dan il-mod.

Illi b’hekk il-partijiet izzewgu fl-1 ta’ Gunju 1991. L-attur jiddiskrivi kif ghall-ewwel meta zzewwgu l-konvenuta kienet irrifjutat li thalli l-attur ikollu relazzjoni intima maghha, w anki kienet irrifjutat ghal xi skuza jew ohra li jkollha x’taqsam mieghu ghall-ewwel ftit ijiem. Fil-*honeymoon* il-konvenuta kienet iddejqet `wahedha’ u milli jidher kellha seba` mitt sena sakemm terga‘ tibda zzur il-familja taghha, tant hu hekk illi telqu lura d-dar wara xi jumejn. Meta mbaghad il-partijiet bdew ikollhom relazzjonijiet sesswali, l-attur beda jhoss li l-konvenuta kienet bierda hafna waqt l-att sesswali, w kienet donnha ma kenitx qed tiehu pjacir. Din il-problema baqghet tippersisti ghall-attur tul iz-zwieg kollu, fis-sens illi l-intimita’ ta’ bejn il-koppja kienet qisha sfurzata da parti tal-konvenuta.

Illi apparti diversi problemi ohra li jiddeskrivi l-attur waqt iz-zwieg bejn il-partijiet, jidher car illi l-konvenuta kellha qisu ossessjoni li tqatta hin ezagerat ghand il-familja taghha, w dan ghad-detriment taz-zwieg bejn il-koppja. Jidher li din kienet problema serja ghall-attur ghaliex skond hu l-partijiet kienu jqattghu kull minuta li kien ikollhom ghand il-genituri tal-konvenuta minflok ma jqattghu hin flimkien wahedhom. Allavolja l-attur ghamel li seta` biex jikkonvinci l-konvenuta tqatta‘ izjed hin fil-kumpanija tieghu din kienet tinsisti li tqatta hin ezagerat ghand il-familja taghha w fl-ahhar mill-ahhar ghal diversi ragunijiet ohra z-zwieg sfaxxa.

Illi minn naha taghha l-konvenuta taccetta li hija *di natura* kienet bniedma rizervata hafna wkoll u anki hi ma kellhiex esperjenzi ta’ guvintur u relazzjonijiet ohra qabel ma bdiet tohrog ma‘ l-attur. Hija ssostni pero‘ li kienet matura w responsabbli bizzejjed biex tidhol ghaz-zwieg.

Illi madankollu pero‘, l-konvenuta wkoll kellha d-dubji taghha dwar ir-relazzjoni taghhom qabel ma zzewwgu. Hija kienet tinduna illi bhala koppja kienu kwieti flimkien, fis-sens illi ftit li xejn kienu jiddiskutu w jitkellmu flimkien. Dan hasbet li kien sempliciment il-karattru taghhom it-tnejn. Skond hi, l-attur kien trabba mfissed u kien `*spoilt'.*

Illi l-konvenuta xehdet li ma kenitx thoss li kienet mahbuba bizzejjed mill-attur u li kienet hemm biss biex issajjarlu u tnaddafflu wara z-zwieg. Skond hi, l-attur ma kienx habbha izda kien zewwigha biss biex ikun mizzewweg.

Illi hija tispjega li kienet tqatta` dak il-hin ghand il-genituri taghha ghaliex kienet thossha wahedha *stante* li l-attur kien ikun jew ix-xoghol jew inkella jistudja.

Illi l-konvenuta tispjega ghall-maggor parti ta‘ l-affidavit taghha illi z-zwieg tkisser fl-ahhar ghaliex skond hi l-attur kellu relazzjoni ma‘ mara ohra li kienet ukoll fil-Korp tal-Pulizija, u tiddiskrivi fit-tul kif spicca z-zwieg tal-partijiet izda ftit li xejn titfa dawl fuq kif kienet l-eghrusija tal-partijiet.

Illi tenut kont ta' dan kollu, kif ukoll tenut kont tax-xhieda moghtija fl-affidavits ipprezentati mix-xhieda prodotta mill-partijiet, il-Qorti hija konvinta, li l-partijiet it-tnejn ma kenux hejjew ruhhom sew ghal dan iz-zwieg li sehh bejniethom. Jidher car li kien hemm problemi serji bejn il-koppja mill-bidu nett li t-tnejn li huma kienu pjuttost konxji taghhom, izda li t-tnejn li huma ghazlu li jaghlqu ghajnejhom ghalihom u huma zzewgu biss ghaliex kienu ilhom johorgu flimkien, u ghaliex hadd minnhom ma wera l-kapacita‘ li jkun sincier lejn il-parti l-ohra, tant li minkejja l-fatt li kellhom dubji kbar fuq xulxin, hadd minnhom ma qal xejn dwar dan lill-parti l-ohra.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, alavolja l-partijiet t-tnejn kienu rizervati w misthija, xorta wahda bejniethom kellu jkun hemm certu ammont ta' komunikazzjoni w kuntatt, izda dan kien ghal kollox nieqes, u hawn il-Qorti m‘hijiex qed titkellem fuq xi kuntatt fiziku, izda emozzjoni ta‘ mhabba u *benessere* bejniethom u reciproku, li ghandu jezisti

specjalment fil-bidu tar-relazzjoni meta kollox ikun ghadu gdid, frisk, u anki ecitanti. In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-koppja, u iktar u iktar il-fatt li ftit sar tentattiv minn kull parti li tigi stabblita' din il-konnessjoni, turi mhux biss nuqqas kbir ta' maturita' serja izda nuqqas ta' xewqa minn kull parti lejn l-ohra li tfittex dak li huwa komuni bejniethom, sabiex abbazi ta' istess jifformaw is-sissien tar-relazzjoni taghhom, li tikkulmina f'imhabba reciproka bejniethom u fl-ahharnett fiz-zwieg ibbazat fuq *discretio judicii'* li wiehed jara u jifhem l-kuncett taz-zwieg u l-elementi essenzjali tieghu, u f'dan il-kuntest dan jigi naturali ghall-partijiet ben preparati ghaz-zwieg u konxji ta' l-imhabba u rispett lejn il-parti l-ohra, li jwassal u jaspira ghal hajja komunali u dejjiema bejniethom.

Illi kuntrarjament ghall dan il-partijiet jidher li donnhom li sabu lil xulxin, u baqghu ma' xulxin minghajr ma qatt staqsew lilhom infushom jekk l-affarijiet bejniethom kenux sejrin tajjeb jew le, u x'kienu verament jhossu ghal xulxin, u fuq kollox riedux li jiddedikaw hajjithom intiera ghall-gid komuni tat-tnejn u tal-familja li kienu ser joholqu bejniethom. Anki fir-relazzjoni intima bejniethom donnu kien hemm xi rizervi, fis-sens illi alavolja kienu hadu d-decizjoni li ma jaghmlux l-att sesswali qabel ma jizzewwgu, haga ghal kollox meritevoli w ragonevoli, xorta wahda thalli impressjoni li kienet relazzjoni bierda hafna, bil-minimu ta' kuntatt, kemm fattwali u psikologiku, b'dan li kull rapport ta' intimita' kien ghal kollox eskluz mill-istess partijiet. Tant hu hekk, illi wara li zzewwgu mill-ewwel dehru sinjali li r-relazzjoni intima bejn il-partijiet, specjalment da parti tal-konvenuta kienet wahda bierda w nieqsa minn emozzjonijiet profondi.

Illi allavolja fil-fatt il-partijiet ghamlu hafna zmien johorgu flimkien qabel ma zzewwgu, l-Qorti hija tal-fehma li din kienet relazzjoni kemm xejn sfurzata w nieqsa ghal kollox minn dik l-ideja ta' shubija li tifforma l-bazi ta' kwalsiasi unjoni.

Illi kif intqal izjed `l fuq l-pass ta' l-unjoni fiz-zwieg jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg. Illi

pero` l-Qorti thoss li fil-kaz *de quo* l-partijiet it-tnejn kienu nieqsa minn dik il-maturita’ ta’ hsieb u karattru li hija tant essenzjali ghal zwieg.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, l-partijiet wrew fix-xhieda taghhom li ma kellhomx dik il-maturita’ li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u ghalhekk ma kenux kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom. Apparti dan jidher li da parti tal-konvenuta jidher li kienet nieqsa minn dik il-maturita’ affettiva, u cjoe‘ kienet nieqsa minn dawk l-emozzjonijiet u s-sentimenti fil-konfront tal-attur necessarji sabiex irendu l-istess kunsens taz-zwieg validu, anzi din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta‘ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u ghalhekk l-istess zwieg ghandu jigi ddikjarat null abbazi ta‘ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta‘ Malta,**

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** citat mill-attur fic-citazzjoni minnu pprezentata, dan l-artikolu jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna“,** 31 ta’ Jannar 1996, u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech“,** 14 ta’ Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."*

Kif gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et“**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912 *“a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero.*”

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero` bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-istremi ta’ l-annullament.

Illi fir-rigward tas-simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kaz **“Bonnici vs Bonnici”** (Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Cali vs Dr. Albert S. Geech”** (Prim' Awla 22 ta’ Gunju 1988) inghad li jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz **“Galea vs Walsh”** (Prim' Awla 30 ta’ Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *'meta l-atti, gesti jew kliem*

*esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*.' Fil-kaz **“Muscat vs Borg Grech”** (Prim' Awla 14 ta’ Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:-

*“Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu.*”

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cjoe` ghall-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe”** (14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **“Grech vs Grech”** (Prim' Awla 9 ta’ Ottubru 1990), u **“Aquilina vs Aquilina”** (Prim' Awla 30 ta’ Jannar 1991).

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti, l-Qorti hija tal-fehma li ma giex ippruvat li l-kunsens ta’ xi wiehed jew iehor mill-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, w ghalhekk iz-zwieg ma jistax jigi dikjarat null u bla effett abbazi ta’ dan l-**artikolu 19 (1) (f).**

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, citata mill-attur fic-citazzjoni minnu pprezentata u wkoll mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha, l-Qorti thoss illi mill-provi kollha prodotti, ma jirrizultax illi z-zwieg bejn il-kontendenti jista’ jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta’ dan l-artikolu.

Illi ghalhekk it-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenuta ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta‘ u tiddeciedi** c-citazzjoni attrici, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma‘ dak hawn deciz, **tilqa t-talba attrici** bis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Gunju 1991 huwa null u bla effett fil-ligi, *ai termini* ta‘ **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**, u dan ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi ghall-istess motivi, fir-rigward tal-**kontro-talba** tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat in kwantu l-istess huma kontrastanti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha,** u dan konsistenement ma’ dak li gie deciz fic-citazzjoni attrici, b’dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Gunju 1991 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------